**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR MARSETTE PORTELLI XERRI**
LL.B, LL.D, M.A.

**Seduta tal-Erbgha, 9 ta' Lulju, 2025**

Kawża Numru: 4/2025 (MPX)

**Tony Cini (K.I. 34693G)**

**vs**

**Peter Philip Granville Boot**
**(K.I. 189641A)**

**Preliminari**

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba, li permezz tiegħu l-attur ippremetta li l-konvenut kien inkarigat jagħmillu xi xogħol, liema xogħol, però, sar ħażin u ma ġiex kompletat. Il-partijiet laħqu ftehim, li permezz tiegħu l-konvenut obbliga ruħu li jirritorna lill-attur €1,300 mill-€2,460 li kienu ġew mgħoddija lilu, liema ftehim ġie redatt f'kuntratt. Minkejja li, ai termini tal-istess ftehim, il-konvenut kien obbliga ruħu li jgħaddi €200 kull xahar, dekorribbli mill-aħħar ġurnata ta' Frar, 2025, u dan sakemm jiġi kopert l-ammont ta' €1,300, il-konvenut baqa' ma għadda l-ebda ammont.

L-attur talab lil dan it-Tribunal:

1. Jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-istess attur l-ammont ta' €1,300.

Ra li minkejja li l-konvenut ġie debitament notifikat bl-avviż tat-talba, bl-avviż tas-smigħ u bl-inkartament kollu sat-tali data, fis-16 ta' Mejju, 2025, huwa baqa' ma ppreżenta l-ebda risposta għal din il-kawża, u wisq inqas deher sabiex jikkontesta t-talba.

Ra li, għalhekk, l-istess konvenut kien kontumaċi f'dawn il-proċeduri.

Ra x-xhieda mogħtija mill-attur waqt is-seduta tat-18 ta' Ġunju, 2025, kif ukoll id-dokumenti minnu ppreżentati.

Ra l-atti proċesswali kollha.

Ikkunsidra:

Għalkemm jirriżulta li l-konvenut huwa kontumaċi f'dawn il-proċeduri, il-kontumaċja mhijiex ekwivalenti għal ammissjoni tat-talbiet tal-attur. L-attur, għalhekk, xorta baqa' taħt l-obbligu li jipprova l-każ tiegħu sal-grad li trid il-liġi fi proċeduri ċivili.

L-attur Tony Cini, waqt id-depożizzjoni tax-xhieda tiegħu tat-18 ta' Ġunju, 2025, oltre li jikkonferma bil-ġurament tiegħu li kien ġie milħuq ftehim dwar ħlas bejnu u bejn il-konvenut, fejn esebixxa wkoll il-kuntratt iffirmat miż-żewġ partijiet, jikkonferma wkoll illi baqa' ma tħallas xejn mill-konvenut.

It-Tribunal ħa pjena konjizzjoni tal-kuntratt esebit, li permezz tiegħu l-konvenut kien iddikjara ruħu veru, ċert u likwidu debitur favur l-attur,

> *"in the amount of one thousand, three hundred Euro (€1,300), which sum represents a refund of a price of works already paid, which works were either not carried out or not carried out to the satisfaction of the client.*
>
> *Appearer Peter Boot binds himself to pay this sum in instalments of a minimum of two hundred Euro (€200) on the last day of each month with the first payment being due on the 28th February, 2025. The entire amount (€1,300) must be repaid in full within six (6) months from the first payment date, i.e. by the 31st July, 2025.*
>
> *This debt shall bear no interest should it be repaid according to the terms agreed above, otherwise interests shall accrue according to the law.*
>
> *Should appearer Peter Boot fail to pay one instalment on time, he shall lose the benefit of time and the whole sum should immediately become due."*

It-Tribunal m'għandux għalfejn ma jemminx il-verżjoni mogħtija mill-attur, mhux kontradetta, u jqis, għalhekk, illi t-talbiet tal-attur jimmeritaw li jiġu milqugħa, u dan partikolarment in vista tal-fatt ukoll li, ai termini tas-suċċitat kuntratt, kemm-il darba l-konvenut jonqos milli jħallas pagament wieħed, is-somma intiera tirriżulta istantanjament dovuta.

Decide:

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet u l-konsiderazzjonijiet hemm magħmula, dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talbiet tal-attur u jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur l-ammont ta' elf u tlett mitt Ewro (€1,300), bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom ikunu a karigu tal-konvenut.

(ft.) Dr Marsette Portelli Xerri LL.D.

Ġudikant

(ft.) Martina Axiak

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur